Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Il-Core Group tal-MEUSAC jiddiskuti il-flessigurtà

### Fuq l-aġenda wkoll Konsultazzjoni Pubblika tal-KE dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju

Fil-laqgħa tal-*Core Group* tal-MEUSAC li saret fit-30 ta' Ottubru, ġew diskussi r-Rapporti approvati mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar sorveljanza u analiżi tal-politika dwar il-flessigurtà u dwar Gwidi ta' Impjieg għall-2009. Saret ukoll preżentazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tal-Baġit Ġenerali tal-UE wara sejħa mill-Kummissjoni Ewropea għal Konsultazzjoni Pubblika.

**Rapporti tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar sorveljanza u analiżi tal-politika dwar il-flessigurtà u dwar Gwidi ta' Impjieg għall-2009: indikaturi għas-sorveljanza u analiżi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2009**

Dawn ir-Rapporti tressqu quddiem il-Core Group fuq talba ta' membru wara li l-Kumitat Settorjali tal-MEUSAC għax-Xogħol, il-Politika Soċjali u s-Saħħa ddiskuta l-istess rapporti f'laqgħa li saret fid-19 ta' Settembru 2009.

Is-Sur Julian Micallef, Aġent Kap responsabbli mill-Konsultazzjoni fi ħdan il-MEUSAC, ippreżenta dawn ir-Rapporti u spjega kif dawn jibnu fuq il-qbil li kien intlaħaq bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fl-2007, jiġifieri li l-politika dwar il-flessigurtà għandha tiġi implimentata fuq erba' temi:

- Arranġamenti kuntrattwali flessibbli u ta' min jorbot fuqhom
- Tagħlim komprensiv tul il-ħajja
- *Active labour market policies* effettivi
- Sistemi moderni ta' sigurtà soċjali

Is-Sur Joe Sciberras, Segretarju Amministrattiv tal-Kumitat Settorjali, semma l-punti ewlenin li ħarġu mill-laqgħa tal-Kumitat Settorjali.

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:** 2200 3307*
***E:** svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

Fid-diskussjoni ħadu sehem ukoll uffiċjali mill-Ministeru tal-Politika Soċjali u mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Dott. Noel Vella, Direttur *Industrial and Employment Relations*, spjega kif il-flessigurtà ma tnaqqasx id-drittijiet tal-ħaddiema.

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni, Dott. Godwin Grima spjega r-rwol tal-Gvern bħala entità li tħaddem il-persuni u semma kif persuna li tkun laħqet l-età tal-pensjoni għandha l-opportunità li tibqa' taħdem b'riżultat ta' miżuri li ġew introdotti riċentament. Stqarr li l-Gvern qed jipprova jsib impjieg alternattiv għal dawk li jkun wasslu biex jirtiraw iżda li juru x-xewqa li jixtiequ jibqgħu jaħdmu. Dott. Grima semma l-obbligu li jsir "skills profile" tal-ħaddiema kollha f'kull settur sal-aħħar tas-sena 2010.

B'mod ġenerali l-Membri tal-*Core Group* qajjmu diversi punti, fosthom li:

- Hemm bżonn ta' iktar djalogu bejn il-unjins, minn jimpjega u l-Gvern biex ikun hemm għarfien aħjar tal-kunċett ta' relazzjonijiet industrijali. Dan iwassal għal iktar fiduċja bejn il-partijiet konċernati u biex id-djalogu soċjali ikun iktar pro-attiv.
- Għandu jkun hemm kampanji ta'informazzjoni li jgħallmu lill-pubbliku ġenerali dwar ir-rwol tal-ġenituri, u dwar iċ-*child care centres*.
- Il-kumpaniji jridu jkunu iktar kompettitivi billi jħaddnu proċessi u servizzi innovattivi, u jinvestu fit-taħriġ tal-ħaddiema.
- Il-kunċett tal-*flexitime* jiġi applikat sakemm hu possibbli kif ukoll jiddaħħal il-kunċett tal-*banking of hours*.
- Il-kunċett ta' *job for life* jinbidel għal wieħed ta' *employment for life*.
- Jkun hemm *policies* attivi tas-suq tax-xogħol (*active labour market policies*) għal nisa li jkunu jixtiequ jidħlu fis-suq tax-xogħol fosthom bl-introduzzjoni ta' servizzi għall-kura tat-tfal wara l-ħin tal-iskola (*after-school services*), u ħinijiet taċ-*childcare centres* li jkunu kompattibli mal-ħin tax-xogħol taż-żewġ ġenituri.
- Jiġu ntrodotti inizjattivi fil-kura tat-tfal permezz ta' *private-public partnerships*.
- Jinħolqu iktar inċentivi għall-flessibilità u *teleworking*.
- Jeżistu diffikultajiet biex intrapriżi li jkunu żagħr ħafna japplikaw il-kunċett tal-*flexitime*.
- Hemm diffikultajiet biex intrapriżi jħaddmu impjegati b'kuntratti indefiniti u mhux definiti fuq proġetti speċifiċi.
- Għandu jkun hemm iktar gwida għal iktar impjegabilità (*employability*), speċjlament għaż-żgħażagħ li m'għandhomx livelli akkademiċi tajbin.

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

**Konsultazzjoni Pubblika tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju għall-Budget Ġenerali tal-UE**

Is-Sur Julian Micallef ta preżentazzjoni tat-temi li qed tkopri l-konsultazzjoni pubblika, b'relevanza partikulari għal benefiċċjarji ta' fondi Ewropej, organizzazzjonijiet mhux governattivi u entitajiet privati. Ir-Regolament Finanzjarju jistabillixxi r-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Is-Sur Micallef qal li l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid mistennija li ssir f'nofs is-sena d-dieħla. Huwa semma diversi punti, fosthom jekk għandux ikun hemm regoli aktar flessibli għall-ko-finanzjament, jekk ir-regoli għandhomx jippermettu għall-ispejjeż li għandhom jiġu koperti skond ir-riżultati mistennija, jekk għandux ikun hemm l-użu ta' rati fissi jew li tingħata s-somma tal-finanzjament kollha f'daqqa. Is-Sur Micallef ħeġġeġ lill-Membri biex jgħaddu l-veduti tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea sat-18 ta' Diċembru 2009. Il-konsultazzjoni hija miftuħa għal ċittadini, organizzazzjonijiet u awtoritajiet pubbliċi. Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jingħataw ukoll lill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment li hu responsabbli mit-tfassil tal-pożizzjoni li Malta se tieħu eventwalment dwar il-Proposta tal-Kummissjoni meta din tintbagħat lill-Istati Membri.

Preżenti għal-laqgħa tal-*Core Group*, li kienet ppreseduta minn Dott. Vanni Xuereb (Kap tal-MEUSAC), kien hemm: Dott Godwin Grima (Segretarju Permanenti Ewlieni), is-Sinjura Cecilia Attard Pirotta (Segretarju Permanenti, Minteru tal-Affarjiet Barranin), is-Sinjorina Graziella Pullicino (A/Kap, Segretarjat UE fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru), is-Sinjura Helen D'Amato, is-Sur Tonio Mercieca (Azzjoni Nazzjonali), is-Sur Arthur Rossi (CMTU), is-Sur Joe Grech (*Gozo Business Chamber*), is-Sur Paul Abela (GRTU), is-Sur Kevin Borg u l-Inġ. Ray Muscat (MCCEI), is-Sur Arthur Muscat (Malta Employers' Association), Dott. Luciano Busuttil (PL), Dott. Frederick Azzopardi (PN), Dott. Romina Bartolo (UĦM), is-Sinjura Grace Attard, is-Sur Benjamin Rizzo, is-Sur Julian Zarb (rappreżentanti tas-soċjetà ċivili), is-Sur Julian Micallef (Segretarju), kif ukoll sostituti u membri tal-istaff tal-MEUSAC, uffiċċjali mill-Ministeru tal-Finanzi, mill-Ministeru tal-Politika Soċjali, u mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport kif ukoll mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ.

**MEUSAC – 30.10.2009**